TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 231/11

**Alan Camilleri**

**vs**

**Alan Debono u Youssef Mbarek**

Illum 27 t' April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tmien mija u ħamsin ewro (€1,850), rappreżentanti xogħolijiet inferjuri u spejjeż addizzjonali sabiex jiġu rranġati fuq il-fond tiegħu.

L-intimati ma ppreżentawx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimati sabiex isir xogħol ta' kisi fuq il-fond tiegħu u wara li sar ix-xogħol irriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet u dan kien evidenzjat ukoll mill-Perit David Psaila.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota li l-intimati debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjħa tliet darbiet, baqgħu ma dehrux għas-seduta, sabiex jikkontestaw it-talba.

It-Tribunal, jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimati kien għadhom ma ppreżentawx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda u ra r-rapport tal-Perit David Psaila, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimati in solidum iħallsu l-ammont ta' elf, tmien mija u ħamsin ewro (€1,850), bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**